V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8633 — Lufthansa/certain Air Berlin assets)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 379/08)

1. Fil-31 ta' Ottubru 2017, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Deutsche Lufthansa AG ("Lufthansa", il-Ġermanja),

— NIKI Luftfahrt GmbH ("NIKI", l-Awstrija), li tappartjeni għall-Air Berlin Group,

— Luftfahrtgesellschaft Walter mbH ("LGW", il-Ġermanja), li tappartjeni wkoll għall-Air Berlin Group.

Lufthansa, takkwista fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll ta' partijiet tal-Air Berlin Group, jiġifieri NIKI u LGW kollha kemm huma.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Lufthansa: kumpanija azzjonarja ta' grupp ta' kumpaniji tal-ajru, notevolment attivi fit-trasport tal-passiġġieri bl-ajru, u ċentri operattivi fi Frankfurt, Munich, Brussell, Zurich u Vjenna,

— għal NIKI: NIKI hija trasportatur minn punt sa punt li jiffoka fuq dawk li jivvjaġġaw għad-divertiment. Hija topera minn ajruporti Ġermaniżi, Awstrijaċi u Żvizzeri u sservi l-aktar destinazzjonijiet turistiċi fi u madwar il-Mediterran (bħall-Gżejjer Baleariċi, il-Gżejjer Griegi) kif ukoll il-Gżejjer Kanarji,

— għal LGW: Sat-28 ta' Ottubru 2017, LGW tajret ajurplani mikrija bl-ekwipaġġ (wet-leased) lil Air Berlin, fuq rotot qosra lejn Düsseldorf u Berlin, primarjament bħala feeder għall-operazzjonijiet ta' Air Berlin. LGW hija maħsuba biex isservi bħala mezz biex ikompli jitħaddem il-programm ta' titjiriet li bħalissa huwa mħaddem minn Air Berlin permezz ta' ftehim ta' kiri tal-ajruplani bl-ekwipaġġ stabbilit f'Diċembru 2016 mal-Lufthansa Group. Qabel it-tranżazzjoni, il-pakkett ta' slots għall-istaġun tax-xitwa 2017/2018 kif ukoll l-istaġun tas-sajf 2018 (inklużi slots fl-ajruporti ta' Berlin-TXL, DUS, FRA u MUC) huwa maħsub biex jiġi trasferit lil LGW għall-użu mil-Lufthansa Group.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.8633 — Lufthansa/certain Air Berlin assets

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË